MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2004

Numru. 599/2001

PULIZIJA
SPETTUR PIERRE MICALLEF GRIMAUD
VS
JESMAR ABELA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Jesmar Abela ta’ 19-il sena, bin Joseph u Josephine nee’ Abela, imwieled il-Pieta’ fit-30 ta’ Jannar 1982, u joqghod 1 Triq iz-Zejtun, Ghaxaq. ID No. 92082M, akkuzat talli fit-13 ta’ Mejju 2001, ghal habta tas-saghtejn ta’ filghodu, gewwa Paceville, limiti ta’ San Giljan, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ haddiehor f’periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe’ offiza ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Donna Josephine Evans, u dan bi ksur tal-Artikoli 216, 217 u 218 tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet il-provi bil-gurament.

Rat l-artikoli elenkati mill-Avukat Generali taht liema artikoli din il-Qorti tista’ ssib htija.

Rat il-verbal tat-28 ta’ Marzu 2003 fejn l-imputat ma sab l-ebda oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat in-nota tas-sottomissjonijiet tal-Parte Civili tat-22 ta’ Dicembru 2003 u dik tad-Difiza prezentata fid-9 ta’ Jannar 2004.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda tal-prosekuzzjoni jirrizulta illi l-Pulizija giet infurmata illi kien sehh xi argument go l-istabbiliment Footloose Paceville, li fih certu Donna Evans kienet sofriet xi griehi (ara xhieda fol 6 et segwitu). Il-Pulizija li nvestigaw il-kaz kienu kellmu lill-imputat li a tempo vergine qalilhom li din it-tfajla kienet kellmitu hazin jew ghamlitlu mossa oxxena u li kienet tatu daqqa ta’ sieq ghal xejn b’xejn.

Wara li Donna Evans harget mill-isptar, il-Pulizija nterrogawha u din it-tfajla baqghet tinsisti illi kien l-imputat li aggrediha ghal xejn b’xejn, beda jtiha go wiccha u sahansitra tilfet xi snien ta’ quddiem.

Spettur Micallef Grimaud xehed illi kien infurmat illi ntuza flixkun jew tazza biex sehh dan l-assalt.

Dr Alexander Azzopardi a fol 11 xehed illi huwa kien ezamina lil Donna Evans meta dahlet fil-Casualty Department St Lukes. Sab illi din it-tfajla kellha zewg lacerazzjonijiet fuq ix-xufftejn li kienu jirrikjedu il-punti. Illi apparti dan, kellha sinna ta’ quddiem (upper left incisor) nieqsa addirittura, sinna ta’ quddiem (upper right incisor) u r-right central incisor u lateral incisor imcaqalqin.

Fix-xedaq t’isfel ir-right central incisor u right canine kienu mcaqalqin ukoll.

Apparti dan kien hemm fratturi ta' tlett isnien ohra, tnejn minnhom b'exposure tad-dental pulp (ara rapport a fol 17).

Dr Azzopardi kkonferma illi huwa ra lil Evans ghaliex giet referita lilu mill-Casualty. Dwar il-klassifika tal-griehi li garrbet Evans, Dr Azzopardi xehed a fol 15:

"Il-fatt li tilfet sinna ta' quddiem, inqisha li hija ta' certu ammont ta' gravita'."

PS 78 Cremona xehed illi kien sar rapport li kienet wegghet tfajla fil-Footloose Paceville fit-13 ta' Mejju.

PS 78 xehed illi gie rappurtat lilu illi l-imputat waqt li kien f'dan l-istabbiliment "ghamel xi hin jaqbad il-warrani ta' Evans, din qaltlu biex ihalliha bi kwietha. F'hin minnhom dan taha daqqa ta' sieq, gidimha, u kellu tazza f'idu u faqaghha f'wiccha".

PS Cremona xehed illi l-informazzjoni mit-tobba ndikat li l-griehi tat-tfajla kien ta' natura gravi.

PS Cremona xehed illi l-imputat qallu "ma ghamel xejn, li din daret u tatu daqqa ta' harta (fol 19).

Cremona xehed Evans qaltlu li hija kienet qalet lill-imputat biex ihalliha u mbuttatu. Illi minn hemm l-imputat ta daqqa ta' sieq lil Evans. Ikkonferma li Evans ma kinitx taf lil Abela qabel.

In kontro ezami jirrizulta illi l-informazzjoni dwar kif gara l-incident sa dak il-mument giet mghoddija mill-hbieb ta' Evans ghaliex din kienet l-isptar.

Donna Evans a fol 27, xehdet illi hija kienet il-Footloose, ma hbiebha f'data ndikata li kien is-Sibt ghall-Hadd f'xis-siegha u nofs ta' filghodu.

Xehdet illi hija kienet l-ahhar wahda fil-grupp taghha meta xi hadd warajha qabdilha l-warrani u l-parti privata taghha.

“Jien dak il-hin speci dort u qedtlu tergax taghmilha” (fol 27).

“Hu beda jkellimni kliem oxxen u kull ma naf li f’mument minnhom ixxutjani, tani daqqa ta’ sieq f’irkobbti u aktar ‘l fuq, u spiccajt qisu minn hawn u l-computer, inxhitt fuq in-nies” (fol 28).

“Mhux daqqa ta’ sieq tani – xutt”.

Evans gharfet u ndikat lill-imputat bhala l-persuna responsabbli ghal griehi taghha, li kienet qalghet d-daqqa ta’ sieq qawwija, li tilfet il-bilanc u x’hin qamet rat lill-imputat gej, “it-tazza hu faqaghhieli go wicci” (fol 28).

B’konsegwenza ta’ tali agir il-kwerelanti Evans xehdet illi l-imputat kissrilha snienha ta’ quddiem u caqlaqilha bosta snien ohra, apparti l-punti li kellha taghmel fuq xufftejha. Di piu’ l-imputat gidimha fuq spallitha tant li kellha bzonn ta’ injezzjoni.

Donna Evans xehdet illi hija kienet ma’ zewgt ihbieb – ma’ Annalise Baldacchino u Sharon Bellia meta gara l-incident.

Evans xehdet illi dak iz-zmien tal-incident hija kienet qed tippartecipa f’Miss Maltese Islands u kellha twaqqaf kollox minhabba dan l-incident, minhabba s-sofferenza taghha, u minhabba d-dehra mibdula taghha.

Evans xehdet li hija ghamlet zmien konsiderevoli wara l-incident, tattendi ghand dentist li kellu jaghmel ‘root canal treatment’ fuq is-snien ta’ quddiem kemm tax-xedaq ta’ fuq kif ukoll t’isfel ghaliex bid-daqqa, s-snien mietu u swiedu.

Donna Evans xehdet illi hija kellha ‘a temporary structure’ f’halqha ghaliex kienet qed tbati minn infections b’rizultat ta’ dak li gralhau ghalhekk ma setghux jitpoggu l-istrutturi fissi (permanent crowns/bridges). Xehdet illi hija qatt ma kienet taf lill-imputat qabel dan l-incident.

In kontro ezami, Donna Evans, qalet illi hija kienet dahlet fil-Footloose li kellu hafna nies - ghax kien is-Sibt.

Evans tat deskrizzjoni tal-Footloose, it-tlett bibien, il-bar, l-acquarium u l-kolonna li maghha kien hemm l-imputat.

Mistoqsija kif setghet tkun certa li f'dik ir-rassa tan-nies f'bar f'Paceville kien l-imputat li messha, Evans tghid:

"Jiena dak il-hin li qabadli l-warrani, dort u kulma sibt lilu quddiemi".

Illi minn hemm hija ghamlet mossa - a back hand tick off – u qaltlu tergax.

Annalise Baldacchino a fol 42, xehdet illi l-incident sehh fit-13 ta' Mejju ghaliex kienet il-gurnata tal-Eurovision. Ms Baldacchino xehdet li dahlu fil-Footloose, Sharon Bellia quddiem, hija fin-nofs b'Donna Evans warajha.

Ms Baldacchino xehdet illi kien hemm l-imputat li ttanta lil Sharon billi qabdilha xagharha u qalilha "Hawn sabiha", ttanta lilha billi qalilha "Kemm nixtieq ikolli tfajla".

Baldacchino xehdet illi hija basret li kien ser jittanta wkoll lil Donna u daret u ratu jaqbdilha l-warrani u fil-pront Donna qaltlu tergax.

Baldacchino xehdet illi fil-pront l-imputat ta daqqa ta' sieq lil Evans u laqatgha bejn saqajha. Meta rat hekk Baldacchino telqet tigri tghajjat lis-security. Kif irritornat bis-security, rat lil Donna b'wiccha kollu demm.

Mitluba tiddeskrivi il-manjiera li biha l-imputat mess lil Donna, Baldacchino rrispondiet a fol 45, "jaqbadha sew,
Pros: Hatafha l-kelma Maltija?
Baldacchino: Iva".

Baldacchino tghid illi hija ma kinitx prezenti ghal parti fejn faqa' tazza f'wiccha izda saret taf b'dan wara minghand Sharon.

Baldacchino tghid li hija ma kinitx taf u li qatt ma rat lill-imputat qabel l-incident.

In kontro ezami, Baldacchino xehdet illi l-incident gara hdejn l-ewwel mit-tlett bibien tal-Footloose fejn hemm l-acquarium u l-kolonna.

In kontro ezami, gie ccarat il-manjiera li bih Baldacchino rat lill-imputat imiss lil Donna.

Dr Susan Diacono a fol 71 xehdet illi hija rat lil Evans wara l-incident u cioe' fit-2 t'Ottubru 2001 u sabet illi Evans kellha l-erba' snien ta' quddiem fix-xedaq ta' fuq u wahda fix-xedaq t'isfel imkissrin u kollha nfettati.

Hija kellha terga' taghmel root treatment ghal dawn is-snien kollha u kellha taghmel an acrylic bridge.

Mistoqsija dwar spejjez, Dr Diacono xehdet illi kull root canal treatment jiswa Lm40, kull crown tiswa' Lm140, b'total aprossimu ta' Lm800.

Dr Diacono xehdet illi meta snien jigu assaltati, is-success rate ta' treatment huwa biss ta' 50 per cent u li Evans kienet ghadha tbati mill-ugiegh fi snienha u kienet dejjem ser tibqa' tbati bihom (ara fol 75).

A fol 78, Donna Evans provdiet 3 ritratti, DE 1, 2, 3.

Sharon Bellia a fol 95 ikkonfermat ix-xhieda ta' Donna Evans u kkorraborat it-testimonjanza ta' Baldacchino meta tghid:
"Dort ghax indunajt li waqafna milli nimxu wara xulxin, u ndunajt li taha daqqa ta' sieq, tefaghha mal-art, fajrilha z-zarbun. Jien mort nigborha, qbadtha minn genbha biex nehodha 'l barra, u hu ma kienx kuntent, kellu tazza f'idejh u **kissirilha f'halqha.** Waqqalgha s-sinniet, u xebgha demm".

Sharon Bellia gharfet lill-imputat bhala l-persuna li faqalgha tazza f'halq Evans (fol 96).

Dr Simon Bugeja a fol 102 kkonferma illi kien hu li ra lil Evans fil-Casualty St Lukes fejn sab illi kellha qasma f’xufftejha ta’ fuq u t’isfel, kellha ugiegh fi spallitha fejn qalet li ingidmet u li kellha tbengil,u kellha wkoll tbengil f’koxxitha. Kellha sinna ta’ quddiem li taret kompletament waqt li kellha erba’ snien ohra mkissra.

Bhala injuries Dr Bugeja kklassifika dan bhala grevious li jistghu jhallu marki permanenti u kkonferma c-certifikat Dok JA a fol 106.

Spettur Micallef Grimaud a fol 110 esebixxa DEX, DEX1, certifikat mediku u x-ray li gew konfermati minn Evans a fol 113. Evans xehdet illi fil-kors tal-proceduri hija kellha taghmel operazzjoni dentali u kkonfermat kont ta’ Lm115 a fol 112A.

Dr Mark Diacono a fol 116 xehed dwar ir-ragunijiet il-ghaliex kienet tinhtieg li jsir operazzjoni fuq Evans.

Dr Mark Diacono xehed dwar il-probbabilita’ kbira illi f’kaz ta’ trawma li s-snien jintilfu ghal kollox minkejja t-trattament ghaqli, xehed illi t-treatment finali huwa dak ta’ implants li jiswew Lm800 ghal kull sinna (a fol 140).

Donna Evans in kontro ezami nnegat ili wara d-daqqa ta’ sieq hija waqghet u habtet ma’ xi kolonna. Xehdet illi meta waqghet, hija kienet waqghet fuq in-nies u li xi hadd qabadha ghaliex ma’ l-art ma gietx.

Lanqas ma habtet ma’ xi mejda jew siggu. Xehdet pero’ illi b’daqqa ta’ sieq hija ntefghet lura fuq in-nies u giet fuq il-parti opposta tal-kuritur. Evans xehdet illi hija tahdem mat-Toly Products u kienet ghamlet xahrejn sick leave wara l-incident.

Spettur Micallef Grimaud esebixxa DE1 u 2 ritratti tal-kwerelanta Evans qabel u wara l-incident. In kontro ezami, Spettur Micallef Grimaud xehed illi meta huwa kellem lill-imputat dan nnega li aggrediha.

Mistoqsi dwar dak imnizzel fl-okkorrenza, Spettur Micallef Grimaud jghid li s-Surgent ghamel okkorrenza wara li kellem lill-imputat.

Spettur Micallef Grimaud xehed illu huwa ma kienx ha stqarrija tal-imputat.

In kontro ezami PS 78 ma setghax jiftakar jekk l-imputat cahad li ta daqqa jew li qal dak li huwa mnizzel fl-okkorrenza u assuma li dak li kiteb li ntqal mill-imputat setgha ntqal mill-hbieb tal-kwerelanti u dana stante li ghadda z-zmien.

L-imputat Jesmar Abela xehed a fol 172 et seg, u qal li kien il-Footloose fejn l-acquarium jitkellem ma’ kuginuh Taddeo Scicluna u certu Raymond, meta giet tfajla u tatu daqqa ta’ harta minn wara ghal xejn b’xejn.

Dar u sab lil kwerelanti li kienet “qed tipprova ssawwatni” (a fol 174). L-imputat xehed illi ppruvaw jifirduhom in-nies u li din it-tfajla griet ghal bar, qabdet flixkun, garatulu u laqtitu f’wiccu. Imbaghad gew il-bouncers u l-Pulizija u gie arrestat.

Xehed illi f’ebda mument ma sawwat lil Donna Evans.

Xehed illi huwa kien kellem lill-Ispettur Micallef Grimaud biss fuq it-telephone.

L-imputat innega illi kien qed jaghmel l-istorbju fil-bar u qal li kien qed jitkellem normali ma shabu u ma setghax jispjega kif sehh l-incident u qal li seta xi hadd iehor ghamel xi haga lill-kwerelanti u wehel hu intortament.

Mistoqsi ghalfejn ma marx jaghmel rapport lill-Pulizija li gie aggredit intortament, l-imputat xehed li ma nghatax ic-cans ghaliex mill-ewwel gew fuqu l-bouncers. L-imputat jinnega wkoll illi ghamel xi mossa oxxena fuq il-persuna tal-kwerelanti. Muri r-ritratti li juru l-griehi li sofriet l-kweralanti, l-imputat jghid li ma jafx kif sehhu dawk il-griehi. Qal ukoll illi huwa ma rax glied fil-Footloose pero’ ra lill-kwerelanti mal-art.

Taddeo Scicluna a fol 182 xehed illi huwa ma kienx hdejn l-imputat ezatt meta gara l-incident. Qal li sema kommozzjoni, mar u sab lill-imputat u tfajla ttih bil-harta go wiccu. Xehed li l-imputat zammha u din it-tfajla tatu bis-sieq u telqet. Waddbitlu xi haga – flixkun u laqtitu go mohhu u mbaghad ra lit-tfajla mal-art "biex waqghet ma nafx". (a fol 183). Meta waqghet kienet 'l boghod mill-imputat.

Scicluna jghid illi ra lill-istess tfajla twaddab flixkun izda mbaghad ma rahiex iktar. Ikkonferma illi l-imputat dak il-hin kien qieghed jitkellem ma' certu Raymond Fenech. Mistoqsi repetutament dwar x'gara mit-tfajla, Scicluna jghid illi kien raha mal-art u mbaghad ma raha xejn izjed. Mitlub jiddeskrivi lil din it-tfajla jghid illi din kienet bjonda u rqiqa u ma jafx x'kienet liebsa.

Mix-xhieda ta' Raymond Fenech a fol 193 et seq. jirrizulta li huwa kien il-Footloose Bar Paceville fit-13 ta' Mejju 2001 u mieghu kien hemm l-imputat u certu Teddy. Jghid li huwa kien qieghed mal-imputat fejn l-acquarium, meta giet wahda fuqu "ittih go wiccu kemm tiflah bil-harta, imbaghad hu zamma minn idejha biex tikkalma u kkalmat hi u telqet. Imbaghad hi qabdet flixkun, tefghetulna, waqghet mal-art hi u wicca gie kollu demm."

Raymond Fenech xehed li din it-tfajla fl-ebda hin ma giet imsawwta mill-imputat. L-istess Fenech jghid li l-imputat kellu girfa f'mohhu kkawzat mid-daqqa tal-flixkun. Mistoqsi dwar garax xi haga bejn l-imputat u din it-tfajla qabel ma' din bdiet ittih bil-harta, Raymond Fenech jghid li hu kien il-hin kollu hdejn Jesmar u ma sema' l-ebda argument u ma ra xejn jigri qabel (ara fol 196).

Raymond Fenech ikkonferma li huwa qatt ma kien ra din it-tfajla qabel dik il-gurnata, u f'ebda hin ma semaghha tghid xejn. Ikkonferma wkoll li Jesmar Abela f'ebda hin ma ttanta lil persuna tas-sess oppost dak il-lejl. Mistoqsi kemm-il daqqa ta' harta tatu din it-tfajla lill-imputat, Raymond Fenech xehed illi tat xi hames daqqiet (ara fol

199). Izda fl-istess nifs, qal li l-imputat zammha mall-ewwel.

Mitlub jaghti deskrizzjoni ta’ din it-tfajla, xehed illi din it-tfajla kellha xagharha twil u bhala kulur “qisu mizbugh ahmar bil-karnagjon taghha bjond” (ara fol 199 u 200).

Raymond Fenech wara li nghata diversi twissijiet mill-Qorti, inghata l-opportunita’ li jinzel mill-pedana tax-xhieda u jerga’ jitla’ ftit aktar tard biex jara jekk ghandux ibiddel xi partijiet mix-xhieda tieghu u a fol 203, jippreciza li xaghar din it-tfajla kien twil sa nofs gwenhajha.

A fol 207, Donna Evans xehdet illi xagharha (li hu ta’ kulur skur kwazi iswed) kien naturali u li fi zmien tal-incident kellu biss xi high lights sofor.

Ikkunsidrat:-

Illi l-kumpless tax-xhieda prodotta quddiem din il-Qorti, johrog car daqs il-kristall illi l-verzjoni li tat Donna Evans kif konfortat bir-rakkont ta’ zewg tfajliet shabha, Sharon Bellia u Annalise Baldacchino, u kif raffermat fl-okkorrenza **a tempo vergine** ta’ PS 78 Cremona hija dik li hija kredibbli, vero simili u li ghandha mis-sewwa u dana a tenut tal-Artikolu 637 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Dan qed jinghad ghal diversi ragunijiet principalment fosthom il-manjiera koerenti u preciza li biha tat ix-xhieda Donna Evans tul id-diversi seduti u tul il-kontro ezami estensiv li sarilha; din il-verzjoni tinstab konfortata mix-xhieda tat-tobba u kkorraborata pjenament minn zewg tfajliet li **attwallment** kienu prezenti ghal l-incident. Dan ir-rakkont juri illi l-imputat wara li azzarda jaghmel mossa oxxena fuq il-persuna ta’ Donna Evans ma kienx kapaci jaccetta l-istat ta’ fatt illi Donna Evans irrigettat l-avvanzi vulgari tieghu.

Gie ppruvat bla dubju dettat mir-raguni li mhux biss l-imputat ma kienx ragel bizzejjed biex jaccetta dan ir-rifjut tal-avvanzi tieghu izda bl-iktar mod barbaru assalta lil din it-tfajla billi taha daqqa ta’ sieq f’kuxxtejha b’tali mod

vjolenti li spiccat mormija fuq in-nies, gidimha fi spallitha mbaghad niente di meno, kif qamet, faqalgha tazza f'wiccha, b'konsegwenza illi tilfet sinna ta' quddiem kompletament u kissrilha erba' sinniet ohra, u ghamlilha lacerazzjonijiet f'xufftejha li kienu jirrekjedu l-punti.

Il-verzjoni tal-imputat u shabu (li din il-Qorti lanqas temmen li kienu hemm), mhux biss m'ghandhiex mis-sewwa u mhijiex kredibbli, imma jekk wiehed jifliha b'mod oggettiv, ma taghmel ebda sens - kwazi kwazi hi tad-dahk. Li t-tfajla tmur fuq guvni li skond l-istess guvni ma tafux minn Adam u tibda' ttih bil-harta ghal xejn b'xejn u bla kliem u bla sliem, hija assurdita' par excellence.

Li l-imputat ma jaghmel ebda reazzjoni ghajr li izommha milli tkompli u din it-tfajla tigri ghal fuq il-bar, tiggaralu flixkun u tolqtu f'mohhu u l-imputat isofri biss girfa, hija sitwazzjoni li thalli din il-Qorti bla espressjoni. Li bniedem tal-kwalita' tal-imputat konfrontat b'dan it-tip ta' agir vjolenti, ma jaghmilx rapport lill-Pulizija dwar dana kollu, hija haga inkomprensibbli.

U ghal dawn il-motivi din il-Qorti temmen li l-verzjoni tal-imputat hija mibnija purament fuq il-gideb, kif inhi mzewqa bil-gideb il-verzjoni li taw Scicluna u Fenech dwar tfajla samra b'xaghra iswed li kienet il-vittma ta' dan l-incident li giet deskritta bhala tfajla bjonda jew b'xaghra ahmar!!

Illi l-griehi li sofriet il-kwerelanti Evans kienu estensivi billi bid-daqqa ta' tazza li taha l-imputat f'halqha, Evans spiccat bis-sinna ta' quddiem imtajjra kompletament u b'erba' sinniet ohra ta' quddiem mkissra u mcaqalqa. Di piu', id-daqqa ta' tazza tal-imputat ikkawzat lacerazzjonijiet fix-xufftejn tal-imputata kemm ta' fuq u kemm t'isfel li kien jirrikjedi l-punti.

Illi mix-xhieda tal-ispecjalista Dr Mark Diacono u Dr Simon Bugeja, jirrizulta b'mod car illi dawn il-griehi jaqghu taht il-klassifikazzjoni msemmija fl-Artiklu 218(1)(a)(3) u 216(1)(b) tal-Kap 9. Illi di piu', l-imputata damet xahrejn on sick leave wara dan l-incident u ghaldaqstant il-griehi

jistghu jigu wkoll klassifikati taht l-Artiklu 216(1)(d) tal-Kap 9.

Illi ghar-rigward ta’ piena, din il-Qorti ghalkemm konxja tal-fatt li l-imputat ghandu fedina penali netta, ma setghetx tikkonsidra piena alternattiva ghajr dik ta’ inkarcerazzjoni fid-dawl tac-cirkostanzi kollha tal-kaz illi wrew vjolenza, hruxija u selvagizzmu u dana bla sens jew raguni.

Illi ghaldaqstant filwaqt illi ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat Artiklu 218(1)(a)(3) u 216(1)(b)(d) tal-Kap 9, tikkundannah ghal tlett snin prigunerija.  In oltre l-Qorti ai termini tal-Artiklu 523 tal-Kap 9 tordna lill-Avukat Generali jiehu l-passi kriminali ghal gurament falz fil-konfront ta’ Taddeo Scicluna u Raymond Fenech, u tordna l-kopja ta’ dan li jigi notifikat lill-Avukat Generali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------